Minuti tas-sebgħa u sittin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (uffiċċju temporanju fil-Librerija G. Zammit) nhar it-Tnejn 18 ta' April 2016 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsilliera | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Aġent Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |
| | *Corporate Services Executive Manager* | Joseph M. Formosa |
| Skużata: | Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ | Sarah Camilleri |

Aġenda:-

1. Approvazzjoni ta' minuti:
   a. Minuti 64/7 – 21 ta' Marzu 2016
   b. Minuti 65/7 – 05 ta' April 2016
   c. Minuti 66/7 – 05 ta' April 2016

2. Komunikazzjonijiet dwar xogħol fid-diversi dekasteri rispettivi:
   a. i. Sindku
      ii. Viċi Sindku
      iii. Kunsillieri
   b. Korrispondenza

3. Rapporti:
   a. Ilmenti

4. Offerti – Ġbir ta' skart riċiklabbli

5. Skema ta' parkeġġ residenzjali – żviluppi ġodda u progress

6. Finanzi:
   a. *Petty Cash*
   b. Skeda ta' Pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

7. Lista ta' xogħlijiet u suġġetti pendenti

8. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

**Ftuħ tal-laqgħa**

Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti. Mal-ftuħ tal-laqgħa l-Kunsill ġie infurmat illi Sa. Camilleri ma setetx tkun preżenti minħabba impenji dwar l-eżamijiet. B'mod unanimu, il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkustanzi Sa. Camilleri tiġi skużata għal kull buonfini ta' liġi u proċedura.

**1.0 <u>Approvazzjoni ta' minuti:</u>**

- **a. <u>Minuti 64/7 – 21 ta' Marzu 2016</u>**
- **b. <u>Minuti 65/7 – 05 ta' April 2016</u>**
- **c. <u>Minuti 66/7 – 05 ta' April 2016</u>**

1.1 Dawn il-minuti ġew ċirkulati għand il-kunsillieri kollha qabel din il-laqgħa u ġew meħuda bħala moqrija. Dawn il-minuti kif indikat ġew approvati kif ippreżentati nem con.

1.2 Punti mill-minuti. B'mod unanimu l-Kunsill approva u ddeċieda illi dawk l-oġġezzjonijiet li għamel dwar l-iżvilupp ta' Ħas-Saptan għandhom jiffurmaw parti integrali mal-minuti 66/7 tal-laqgħa li saret fil-05 ta' April 2016 u li dan id-dokument tal-oġġezzjoni jiġi mmarkat bħala 'Dok A' u li għandu jinżamm fil-minuti skont il-proċeduri stabbiliti.

**Sospenzjoni tal-Aġenda**

Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel li jissospendi l-aġenda sabiex jiddiskuti u jikkonsidra t-tema 4 fuq l-aġenda.

**4.0 <u>Offerti – Ġbir ta' skart riċiklabbli</u>**

4.1 Il-Kunsill irċieva żewġ offerti: Offerta ta' GreenMT u Offerta ta' GreenPak.

Il-Viċi Sindku spjega l-punti taż-żewġ offerenti u l-Kunsill osserva li ħafna mill-punti tal-offerenti huma simili iżda fil-fehma tal-Kunsill l-offerta tal-GreenPak hija aktar vantaġġjuża għall-Kunsill.

Il-Kunsill ħa fil-konsiderazzjoni tiegħu l-esperjenza li l-Kunsill għandu tas-servizz tal-GreenPak hija waħda pożittiva u għalhekk fiċ-ċirkustanzi l-offerta tal-GreenPak għandha tiġi konsidrata bħala l-aħjar offerta. Il-Kunsill qabel li jiffirma l-ftehim mal-GreenPak għall-perjodu ta' sentejn skont proċeduri stabbiliti.

Il-Kunsill irringrazzja lil GreenMT għall-interess li ħadu sabiex jagħmlu l-offerta tagħhom lill-Kunsill.

4.2 Waqt li l-Kunsill kien qed jikkonsidra din it-tema kien hemm preżenti r-rappreżentanti tad-ditta GreenMT u dawn ħallew il-laqgħa wara li l-Kunsill iddelibera u ddeċieda fuq din it-tema.

**Il-Kunsill kompla bl-Aġenda**

## 2.0 <u>Komunikazzjonijiet dwar xogħol fid-diversi dekasteri rispettivi</u>

2.1.1 Sindku

a. Nuqqas ta' dawl fi Triq Joseph Gravina, il-Gudja. Is-Sindku qal li kienu qed jaslu ilmenti li fi Triq Joseph Gravina hemm nuqqas ta' dawl. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-kuntrattur Nexos sabiex jirrapporta dwar kif jista' jiġi rimedjat dan in-nuqqas ta' dawl f'din it-triq u wara l-Kunsill ikun jista' jiddelibera aktar u jiddeċiedi fuq din il-materja.

b. Nuqqas ta' dawl fi Triq Filippu Castagna. Il-Kunsill ikkonsidra wkoll illi anke f'din it-triq hemm nuqqas ta' dawl u hemm il-ħtieġa li l-kuntrattur Nexos jara kif jista' jiġi rimedjat dan in-nuqqas ta' dawl u wara l-Kunsill ikun jista' jiddelibera aktar u jiddeċiedi fuq din il-materja.

c. Lokazzjoni aħjar u dawl xieraq fuq iż-*zebra crossing* fi Vjal it-Torri fl-inħawi ta' Palazzo d'Aurel. Il-Kunsill ikkonsidra l-qagħda ta' din iż-*zebra crossing* u t-talba lit-TM sabiex tagħti l-għajnuna u l-approvazzjoni sabiex din iż-*zebra crossing* tkun f'post aktar sigur u li tkun imdawla sewwa sabiex jonqos ir-riskju għal dawk li jkunu qed jaqsmu din il-parti ta' triq fl-inħawi ta' Palazzo d'Aurel.

c. (i) Il-Kunsill iddeċieda wkoll li jitlob lill-kuntrattur Nexos (li fil-preżent huwa inkarigat li jieħu ħsieb il-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq ġewwa l-Gudja) sabiex fl-aqsar żmien possibbli, jagħti parir lill-Kunsill dwar il-possibilità li jiġi installat dawl temporanju fuq iż-*zebra crossing* preżenti fi Vjal it-Torri, fl-inħawi ta' Palazzo d'Aurel. Il-kuntrattur Nexos għandu wkoll jinforma lill-Kunsill dwar dak meħtieġ sabiex isir dan id-dawl u jagħti stima tiegħu dwar l-ispejjeż involuti.

Fil-fehma tal-Kunsill dan id-dawl fuq iż-*zebra crossing* kif preżenti, inaqqas il-periklu għal dawk li jagħmlu użu minn din iż-*zebra crossing* speċjalment fil-ħinijiet wara li tinżel ix-xemx. *(c. (i) emenda approvata fil-laqgħa tal-Kunsill nru 69/7)*

d. Xogħol ta' konkos fi Triq tal-Lampat, il-Gudja. Is-Sindku qal li x-xogħol f'din it-triq ħtiġlu 3 jardi konkos u mhux 2.5 jardi.

Is-Sindku qal li dan ix-xogħol li kien jikkonsisti fil-mili bil-konkos ta' diversi ħofor, issa jinsab lest. Is-Sindku rrimarka illi minkejja li kien miftiehem li jkun hemm il-gwardjani lokali, dawn naqsu li jkunu preżenti fuq il-post kif kien miftiehem mal-Kunsill.

e. Fondi mir-Reġjun Nofsinhar. Is-Sindku qal li r-Reġjun Nofsinhar kien qed joffri €1694.00 sabiex jagħmel tajjeb għas-sinjali tat-traffiku. Il-Kunsill staqsa jekk dawn il-fondi jistgħux ikunu użati sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħmel dawl fejn ikun meħtieġ.

f. Ħaddiema li ġew assenjati li jagħmlu xogħlijiet fil-Gudja. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien issa rċieva l-informazzjoni dwar dawn il-ħaddiema.

g. Xogħol ta' bankini fi Vjal it-Torri. Is-Sindku qal li x-xogħol issa wasal fl-aħħar fażi tiegħu u li kien qed jaħseb li jinbeda xogħol ta' bankini fuq inħawi oħra. Il-Kunsill fakkar li qabel isir dan, hemm il-ħtieġa li jiġu ppreżentati r-rapport tal-Perit Gilbert Bartolo kif kien diġà maqbul u miftiehem mal-Kunsill.

Is-Sindku spjega li minkejja li l-Perit Bartolo fil-21 ta' Marzu 2016 kien mar fuq il-post fejn hemm ħtieġa ta' bankini, huwa sar jaf riċentament illi l-Perit Bartolo ma kienx għandu impjegat mal-Med Design (Periti tal-Kunsill). Dan kien ifisser telf ta' ħin għall-Kunsill u għalhekk kien qed jaspira li dan ir-rapport kien sejjer jasal fil-futur qarib meta l-perit li jkun ħa l-inkarigu flok il-Perit Bartolo, jiġi assenjat li jlesti r-rapporti rispettivi kif ikun meħtieġ.

Il-Kunsill qabel li ma jkomplix bix-xogħol fuq il-bankini qabel ma jaslu dawn ir-rapporti. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien sejjer jagħfas li jirċievi dan ir-rapport għaliex ma xtaqx li l-Kunsill jitlef il-ħidma ta' dawn il-ħaddiema tar-Resort Support & Services Ltd assenjati mal-Kunsill, li fil-fehma tiegħu qed jagħmlu xogħol siewi fuq il-bankini ġewwa l-Gudja.

Saret diskussjoni fejn ġie indikat li minkejja nuqqas ta' perit kien sar ħafna xogħol wara l-21 ta' Marzu 2016 u jidher li dan kien aktar milli sar minn meta beda dan il-proġett.

Is-Sindku qal li x-xogħol baqa' sejjer għaliex kien l-istess xogħol fi Vjal it-Torri u mhux f'inħawi differenti.

Is-Sindku reġa' rrepeta li kien riċentament li sar jaf li l-Perit Bartolo ma kienx baqa' jaħdem mal-Med Design, li fil-fatt huma responsabbli, għaliex ix-xogħol ta' servizz ta' Periti kien fdat lid-ditta Med Design, u mhux lill-Perit Bartolo bħala individwu.

Għalhekk is-Sindku qal dan ma kellux ifisser li l-Kunsill għandu jiġi affettwat ħażin peress li l-Perit Bartolo ma kienx baqa' fil-ħidma professjonali tiegħu mad-ditta tal-Periti Med Design.

Is-Sindku qal li huwa kien sejjer jibqa' jinsisti li l-Kunsill jirċievi r-rapporti meħtieġa mingħand il-Med Design u jinforma lill-Kunsill dwar dan minn żmien għal żmien.

2.1.2 Viċi Sindku

a. Maqgħad tal-ilma fi Triq Birżebbuġa. Is-Sur Baldacchino qal li huwa għadu jistenna li jingħata spjegazzjoni ta' fejn kien sejjer l-ilma li jinżel f'dawn l-inħawi. Is-Sur Baldacchino talab li l-Kunsill għandu jaċċerta li jkun hemm perit li jkun assenjat u li jkun responsabbli b'mod speċifiku sabiex tissolva din il-problema mill-aktar fis possibbli.

Is-Sindku wieġeb li huwa l-Perit Charles Buhagiar li kien qed jikkordina dan ix-xogħol.

Is-Sur Baldacchino qal li l-Perit irid iwieġeb dwar min ħa r-responsabilità ta' fejn imur l-ilma. Sabiex tissolva l-problema għandha titbaxxa t-triq u jsir qlib sewwa u l-ilma jimxi għal Ħas-Saptan. Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta defenittiva dwar min biddel il-livelli u l-ilma ma kompliex jaqleb għall-inħawi ta' Ħas-Saptan kif kien qed isir fil-passat (qabel ma ġiet irranġata t-triq).

Il-Kunsill talab li jiġi stabbilit appuntament mal-Perit Buhagiar sabiex issir laqgħa fuq il-post u tiġi studjata soluzzjoni dwar din il-problema. Il-ħin stabbilit għandu jkun wara s-6.00pm peress li f'dan il-ħin kulħadd ikun jista' jattendi. Il-ġranet preferuti huma t-Tnejn, l-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa. Għandha tiġi evitata s-27 ta' April 2016.

b. Ġnien Ġlormu Cassar tax-Xlejli. Bdil ta' tabelli. Is-Sur Baldacchino qal li hemm ħtieġa ta' bdil ta' tabelli peress li dawn ilhom aktar minn 10 snin. Il-Kunsill għandu jirċievi kwotazzjoni u jkun jista' jiddeċiedi kif ikun meħtieġ.

c. Xtiebi li joffru sigurtà fi Ġnien Ġlormu Cassar. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jirċievi kwotazzjoni dwar xtiebi tal-ħadid xierqa sabiex jiġi evitata li tfal joħorġu b'mod mhux sigur u jipperikolaw ħajjithom. Il-Kunsill qabel li jikseb dawn il-kwotazzjonijiet u jiddeċiedi kif ikun meħtieġ.

d. Mili ta' ħamrija fil-post tal-funtana fi Ġnien Ġlormu Cassar ta' Xlejli. Il-Kunsill qabel li dan il-post jinbidel f'ħawt li fih tintefa' l-ħamrija u jitħawlu pjanti u fjuri.

e. Tindif fil-ġibjun miftuħ f'Dawret il-Gudja u dak fuq in-naħa ta' Bur Ġlat. Is-Sur Baldacchino qal li hemm bżonn li dawn il-ġibjuni jitnaddfu sewwa u li jiġu rranġati ħitan li jinsabu fi stat ħażin u li għandhom jitpoġġew barrikati u titneħħa siġra selvaġġa ta' periklu li jidher li kibret peress li dan il-ġibjun tħalla mitluq għal bosta żmien. Il-Kunsill qabel li dwar dawn ix-xogħlijiet għandu jikteb lill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura u jara li jsiru qabel l-istaġun tax-xitwa għaliex tista' tinħoloq sitwazzjoni perikoluża jekk il-qagħda ta' dawn il-ġibjuni tibqa' hekk traskurata.

f. Ġnien Raymond Caruana: i) siġra tal-*ficus* goffa. Is-Sur Baldacchino qal li din is-siġra għandha tinqala' għaliex qed tagħmel il-ħsara. ii) Siġra żgħira tal-ħarrub. Is-Sur Baldacchino qal li kif kien diġà deċiż din is-siġra għandha tinqala' peress li fil-futur issir ħafna ħsara. Is-Sur Baldacchino qal li peress li din is-siġra għadha żagħżugħa żgur li terġa' taqbad malajr u l-Kunsill għandu post xieraq fejn tista' terġa' titħawwel u tgħix sewwa. Il-Kunsill qabel li jitlob sabiex l-uffiċjali responsabbli jiġu fuq il-post u jaraw b'għajnejhom dwar dak li qed jipproponi l-Kunsill.

2.1.3 Kunsillieri

a. Mark Anthony Sammut

i. Attività 'Gudja b'Saħħitha'. Is-Sur Sammut qal li kien hemm aktar minn 30 parteċipant li ħadu sehem f'diversi eżerċizzji sportivi li jgħinu s-saħħa. Tema fil-programm kienet it-tpinġija mit-tfal u dawn sejrin jittellgħu f'wirja f'Jum il-Gudja 2016. Is-Sur Sammut qal li fi tmiem din l-attività kien hemm preżentazzjoni tal-AED lill-Gudja Youth Nursery u ġie wkoll iffirmat il-kuntratt dwar dan l-apparat u l-użu tiegħu b'risq il-komunità kull meta jkun hemm bżonn.

ii. Kors tal-Pilates. Is-Sur Sammut qal li dan il-kors li kien popolari ħafna issa spiċċa u l-parteċipanti wrew l-apprezzament tagħhom lejn il-Kunsill.

iii. Kors taż-żumba. Is-Sur Sammut qal li hemm talba ġenerali li jkun hemm kors taż-żumba. Il-Kunsill qabel li jiġi organizzat dan il-kors fuq linji simili ta' kors li sar darba oħra.

iv. *Cycle lane* li jgħaqqad ma' Triq Ħal Safi. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għandu jitlob lit-TM sabiex tiftaħ il-*barriers* ħdejn l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja faċċata ta' Triq Ħal Safi, u jitwaħħlu *traffic lights* sabiex kemm ċiklisti li jkunu fil-*bicycle lane* kif ukoll persuni jkunu jistgħu jaqsmu b'mod sigur għal Triq Ħal Safi. Il-Kunsill qabel ma dak li qal is-Sur Sammut.

b. Demelsa Grech

i. Taħriġ tal-*beading*. Sa Grech qalet li qed tiġi avviċinata min-nisa li xtaqu jkomplu f'dan it-taħriġ. Il-Kunsill irrefera għad-deċiżjoni preċedenti u qabel li joffri biss il-lok fejn ikompli dan it-taħriġ iżda fiċ-ċirkustanzi ma kienx f'qagħda li jħallas għall-persuna li kienet qed tmexxi dan it-taħriġ.

ii. Laqgħa mal-Pulizija. Sa Grech qalet li għandha ssir laqgħa mal-Pulizija dwar il-qagħda tad-droga u s-sigurtà fil-Gudja. Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa għandha tiġi miftiehma li ssir f'ħin li fiha jkunu jistgħu jattendu l-kunsilliera kollha.

c. Stefan Caruana

i. Teatru Grieg fi Ġnien R. Caruana. Is-Sur Caruana qal li dan il-lok jista' jissejjaħ 'spazju kreattiv' peress li qed issir ħidma li dan il-lok jiġi wkoll inkluż fil-programm nazzjonali tal-Valletta 18. F'dan ir-rigward il-Kunsill jista' wkoll jikseb fondi mill-Ewropa dwar il-kultura fil-Gudja. Il-Kunsill fakkar ukoll li f'dan il-ġnien hemm ippjanat programm ta' riġenerazzjoni mill-Ministeru tal-Infrastruttura u li sejjer ikompli jsebbaħ dan il-lok inkluż dak li issa sejjer jissejjaħ spazju kreattivi.

ii. Ġnien Ġlormu Cassar. Is-Sur Caruana qal li dan il-ġnien issa ilu li tlesta aktar minn għaxar snin u hemm bżonn ta' manutenzjoni u xi xogħlijiet oħra li jgħollu l-livell preżenti. Is-Sur Baldacchino qal li sejrin jinbidlu xi bandli u xi apparat ieħor kif jippermettu l-fondi tal-Kunsill.

iii. Programm tal-Erba' Staġuni – Rebbiegħa 2016. Is-Sur Caruana qal li dan il-programm maħsub għal wara nofs Mejju 2016 iżda ma għandux jaħbat mal-Eurovision. Hemm il-ħsieb ukoll li jingħata bixra nazzjonali billi ningħaqdu ma' attività ta' Din l-Art Ħelwa fil-Kappella ta' Bir Miftuħ.

2.2.0 Korrispondenza

2.2.1 Il-Kunsilliera kollha ġew infurmati dwar korrispondenza li jirċievi u jibgħat il-Kunsill minn żmien għal żmien. Il-Kunsill filwaqt li ħa konjizzjoni dwar dan qabel li jkompli jsegwi l-progress meħtieġ fl-aħjar interess tal-istess Kunsill u tar-residenti kollha tal-Gudja.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Traffiku fi Triq San Pawl, il-Gudja. Il-Kunsill ikkonsidra li issa li qed iseħħ eżerċizzju li d-dħul ta' parti minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Wesgħet Anġlu Dalli huwa għar-residenti tal-Gudja biss, dan it-traffiku nfirex ukoll fi Triq San Pawl. Dan qed iwassal għal xi inkonvenjent. F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li jinkiseb *feedback* mingħand ir-residenti sabiex il-Kunsill ikun f'qagħda aħjar li jara t-triq 'il quddiem. Il-Kunsill isostni illi s-soluzzjoni dejjiema hija li titkompla dik li qabel kienet maħsuba bħala *ring road* li tgħaqqad Vjal it-Torri ma' Triq Ħal Resqun jew ma' nħawi oħra vantaġġjuża u tiġi salvata l-qalba tal-Gudja.

3.1.2 Il-Kunsill ħa konjizzjoni tal-ilmenti u kif dawn ġew imwieġba u kif ittieħdet l-azzjoni meħtieġa u skont il-prijorità possibbli.

## 4.0 Offerti – Ġbir ta' skart riċiklabbli

4.1 Din it-tema ġiet eżawrita kif jidher aktar 'il quddiem f'dawn l-istess minuti.

## 5.0 Skema ta' parkeġġ residenzjali – żviluppi ġodda u progress

5.1 Il-Kunsill ikkonsidra diversi ilmenti dwar kemm in-nies mhux residenti qed jaqilgħu ċitazzjoni meta jipparkjaw fuq linji blu u ma josservawx l-arloġġ tal-ħin li juru kemm jistgħu jibqgħu fuq il-post kif ukoll mir-residenti tal-Gudja li ma jsibux post fejn jipparkjaw. Il-Kunsill innota wkoll li diversi vetturi jibqgħu pparkjati għal diversi ġranet, ġimgħat u xi drabi anke xhur u hemm minn dawn li jkollhom pjanċi ta' reġistrazzjoni barranin li tista' tkun skaduta.

Il-Kunsill baqa' jinsisti li t-TM għandha tagħti kas dwar dan u tirrispondi dwar il-policy li tawtorizza dan it-*timed parking* mill-aktar fiss possibbli għaliex fil-fehma tal-Kunsill dan huwa fl-aħjar interess tar-residenti tal-Gudja li għandhom dritt li jsibu parkeġġ utili meta jirritornaw lejn darhom mingħajr diffikultà żejda. Il-Kunsill iħoss li huwa responsabbli li jkun jista' joħroġ ukoll permessi speċjali fejn ikun hemm bżonn.

5.2 Temi marbuta mal-approvazzjoni u twettiq ta' xogħol mit-TM.

a. Barrikati ħdejn Palazzo d'Aurel. Il-Kunsill qabel li jkompli jinsisti mat-TM sabiex tagħmel dak li wegħdet sa mill-04 ta' Diċembru 2015.

b. Vleġġa No U-Turn ħdejn Palazzo d'Aurel. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lit-TM sabiex tagħmel din il-vleġġa peress li fil-preżent qed jiġu ħafna kolliżjonijiet li jistgħu jiġu evitati jekk is-sewweiqa ma jkunux jistgħu jilwu mat-*traffic island* eżistenti.

## 6.0 Finanzi

6.1 *Petty Cash.* Il-Kunsill ra u approva l-*petty cash* għax-xahar ta' Marzu 2016 għall-ammont ta' €49.55 skont kif ippreżentat.

6.2 Skeda ta' Pagamenti. Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' April 2016 (skeda 31/7) hekk kif ippreżentata lill-Kunsill għas-somma ta' €12,619.54.

6.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet

6.3.1 Skips dwar xogħlijiet fuq il-bankini. Il-Viċi Sindku talab u l-Kunsill iddeċieda li jiġi infurmat minn qabel u jżid il-firma tiegħu fuq il-*purchase order* kull meta jkun meħtieġ is-servizz ta' skip (barra minn dawk stabbiliti 3 fix-xahar).

6.3.2 Xogħol fuq il-bankini. Il-Kunsill iddeċieda li jkompli jinsisti mal-perit responsabbli sabiex jibgħat l-istimi dwar il-bankini li għandhom bżonn jew isiru mill-ġdid jew jiġu rranġati f'diversi nħawi ġewwa l-Gudja kif indikati f'minuti preċedenti tal-Kunsill.

Il-Kunsill iddeċieda u kkonferma li ma jsir l-ebda xogħol qabel dawn l-istimi tal-perit jiġu approvati minn qabel b'mod unanimu mill-Kunsill.

6.3.3 Xogħol fi Triq Rużar Formosa. Il-Kunsill osserva li dan ix-xogħol li kien qed jitwettaq mit-TM waqaf ħesrem wara li ngħata wiċċ tal-konkos. Il-Kunsill kien imwiegħed li jsir wiċċ ta' ċangatura li tirrispetta l-ambjent ta' din l-istess triq. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob rapport dwar dak li qed jiġri bil-għan li dan ix-xogħol jitlesta sewwa kif kien miftiehem mal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel u ddeċieda li jagħmel il-finanzjament tax-xogħlijiet u materjal kif imsemmija u approvati aktar 'il quddiem f'dawn l-istess minuti ta' din il-laqgħa.

## 7.0 <u>Lista ta' xogħlijiet u suġġetti pendenti</u>

7.1 Il-Kunsill ħa konjizzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet u azzjonijiet pendenti u qabel li jkompli jsegwi skont kif ikun meħtieġ fl-aħjar interess tar-residenti tal-Gudja u tal-Kunsill.

## 8.0 <u>Għeluq tal-laqgħa u aġġornament</u>

8.1 Peress illi l-materja kollha fuq l-aġenda ġiet eżawrita, is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.35pm u aġġorna għad-19 ta' Mejju 2016 jew għal xi data oħra kif ikun hemm bżonn u li l-aġenda tiġi kkomunikata lill-kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

| | | |
|---|---|---|
| J Ranier Busuttil | Joseph M. Formosa | John Mary Calleja |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | *Corporate Service Executive Manager* | Sindku |

Data: ____________________